MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 240/2011/1

**Avviz Numru: 240/2011/CSH**

**Kargo Aluminium Ltd (C-35555)**

**vs**

**Noel Gauci (ID17375M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fid-9 ta’ Jannar 2012 il-Qorti tal-Magistrati ppronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*“Il-Qorti,*

*Rat ir-rikorsipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-22 ta’ Lulju 2011 fejn is-socjeta’ attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ tmint elef, mija u sitta u sittin ewro u tmienja u tmenin centezmu*

*(€8,166.88) rapprezentanti din is-somma hlas dovut minnu lis-socjeta' esponenti ghall-merkanzija konsistenti inter alia ta' bibien u twieqi ta' l-aluminium ordnati minnu, skont ma jirrizulta mid-dokument anness u immarkat bhala Dok A u li minkejja li gie diversi drabi interpellat sabiex ihallas, l-istess baqa' inadempjenti.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali numru 2553/11 u l-Mandat ta' Sekwestru u l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.*

*Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skont riferta pozittiva tal-Marixxal Julian Caruana datata 9 ta' Novembru 2011 fejn thalliet kopja ta' l-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici (fol. 14 tergo). Inoltre, dakinhar thalla kopja tar-rikors promotur fil-Kunsill Lokali tas-Siggiewi u fl-Ghassa tal-Pulizija tas-Siggiewi.*

*Rat illi l-konvenut gie notifikat dwar ir-rikors permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar l-1 ta' Novembru 2011 (fol 15) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent nhar it-18 ta' Novembru 2011.*

*Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2011 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx, biex jikkontesta t-talba attrici.*

*Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2011 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.*

*Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tas-16 ta' Dicembru 2011.*

*Ghaldaqstant, il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.*

***Il-Qorti ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef, mija u sitta u sittin ewro u tmienja u tmenin***

***ewro centezmu (€ 8,166.88) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors,***
***bl-imghaxijiet legali skont il-ligi.***

***Bl-ispejjez kontra il-konvenut."***

Rat ir-rikors tal-appell ta' Noel Gauci datat 25 ta' Jannar 2012 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tibghat l-atti lura ghas-smigh fil-mertu wara li l-appellant jaghmel l-eccezzjonijiet tieghu.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Kargo Aluminium Limited (C 35555) datata 2 ta' Marzu 2012 a fol 6 tal-process fejn sostniet ghar-ragunijiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez ta' zewg istanzi kontra l-intimat appellant.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Mejju 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Andrew Borg Cardona ghall-appellant prezenti. Deher ukoll Dr. David Farrugia Sacco ghas-socjeta` appellata li ta ruhu b' notifikat bl-avviz tas-smigh tal-appell u irrimetta ruhu ghall-atti, pero` irriserva li jekk ikun il-kaz jitlob li jitratta fil-presenza tal-klijent tieghu, u f' dak il-kaz jippresenta rikors opportun bil-visto tal-kontro parti bir-rikjama tal-appell. Il-Qorti ovvjament ma hijiex marbuta f' kaz li jigi ppresentat dan ir-rikors, u halliet l-appell ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-11 ta' Ottubru 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 9 ta' Jannar 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens (a) l-konvenut ma giex notifikat fil-post fejn joqghod ghaliex it-tentattiv ta' notifika sar fil-fond 7, Gardenia, Triq it-Tank, Siggiewi, meta huwa kien jabitaw minn Awissu 2011 fil-fond Numru 8, Triq l-Avukat Carmelo Caruana, Marsaxlokk, u ghalhekk in-notifika li saret skond l-artikolu 187 (3) hija rrelevanti ghaliex in-notifika kellha ssir fil-fond fejn huwa jirrisjedi; (b) il-kawza giet intavolata hazin ghaliex martu ma gietx imharrka.

Illi din il-Qorti rat l-atti kollha relattivi li minnhom jirrizulta li kien sar avviz quddiem l-Ewwel Qorti datat 22 ta' Lulju 2011 kontra l-appellant indikat li jghix f'7, Gardenia, Triq it-Tank, Siggiewi,u kien hemm notifika negattiva ghaliex gie indikat li *"gone away"* fir-riferta datata 9 ta' Awissu 2011. Sussegwentement saret talba sabiex issir il-procedura bl-affissjoni u publikazzjoni skond l-artikolu 187 (3) u dan ghaliex f'dan il-kaz kien japplika l-istess artikolu ghaliex ma kienx maghruf allura l-konvenut fejn kien mar joqghod u allura saret l-affissjoni fil-postijiet indikati fl-istess artikolu u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u l-Gazzetta ta' kuljum hemm indikata.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li l-konvenut qed jghid li minn Awissu 2011 din ma kienitx ir-residenza tieghu, u allura dak li effettivament qed jghid huwa li t-tentattivi ta' notifiki li saru fid-9 ta' Awissu 2011 u dik tat-2 ta' Novembru 2011 saru hazin ghaliex huwa ma kienx jirresjedi tas-Siggiewi*;* huwa vera li jirrizulta li mill-atti stess li esebixxa l-appellant konsistenti f'Cedola ta' Depositu Numru 1319/11 wara l-hrug ta' mandat ta' sekwestru numru 1972/11 u l-garanzija bankarja datata 8 ta' Lulju 2011 hemm annessa mal-istess cedola huwa stess indika l-indirizz tieghu bhala dak ta' 7, Gardenia, Triq it-Tank, Siggiewi. Mela allura jirrizulta li l-procedura adattata skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12** kienet korretta.

Illi izda din il-Qorti thoss li l-punt ma huwiex dan izda li n-notifika kellha ssir fil-post fejn attwalment jirrisjedi l-konvenut, u mill-atti jirrizulta li effettivament mir-riferta tad-9 ta' Awissu 2011 kien jirrizulta li l-konvenut ma kienx ghadu joqghod fis-Siggiewi, u ghalhekk kienet adoperata l-procedura tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12** ghaliex is-socjeta' attrici ma kienitx taf fejn joqghod il-konvenut. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li fuq id-dettami tas-smigh xieraq il-konvenut ghandhu jkollu l-opportunita' li jiddefendi l-kawza u ghalhekk f'dan l-isfond u taht din il-perspettiva thoss li n-notifika kellha ssir fil-post fejn l-konvenut attwalment jirresjedi jew joqghod u dan abbazi tal-**artikolu 187 (1) tal-Kap. 12** li jidher li ma saritx.

Illi tenut kont tal-premess, u in virtu tal-principju *audi alteram partem,* din il-Qorti thoss li huwa fl-interess tal-gustizzja u tal-principji tas-smiegh xieraq li d-decizjoni tad-9 ta' Jannar 2012 ghandha u qed tigi annulata u dan ghaliex il-konvenut f'dan il-kaz eccezzjonali ghandhu jigi moghti l-opportunita' li jiddefendi l-kaz tieghu la darba jirrizulta li huwa ma giex effettivament notifikat fil-post fejn kien jirrisjedi fil-mument tan-notifika tal-att gudizzjarju, u cjoe' l-att promotorju tal-kawza odjerna.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tas-socjeta' appellanti datata 2 ta' Marzu 2012, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Noel Gauci fir-rikors tal-appell tieghu datat 25 ta' Jannar 2012, b'dan li din il-Qorti qed tannula u tirrevoka d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Kargo Aluminium Ltd. vs Noel Gauci" (Avviz Numru 240/2011/CSH) datata 9 ta' Jannar 2012, b'dan li qed tibghat l-atti lura lill-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex issir notifika skond il-ligi u sabiex il-kaz jigi trattat u deciz fil-mertu fid-dawl ta' dak anke hawn deciz.**

**Stante n-natura tal-kaz l-ispejjez huma riservati ghad-decizjoni finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------